# VERITAS OFFENDIT

*Ta'* A. Tabone

IS-SAJF li għadda sifirt safra sa l-Italja biex ingħaddi ftit jiem ta' mistrieħ f'xi belt xi ftit imwarrba u kwieta. Mort waħdi, għax, biex tridni ngħidlek, il-kumpannija ta' ħaddieħor iddejjaqni l-iktar bil-lejl, jekk dak li jkun miegħi jkollu l-vizzju li jonħor.

Kont waħdi, u, kif darba kont għaddej minn triq ta' dik il-belt li mhux meħtieġ li nsemmu isimha, ilmaħt xi ftit nisa jinġabru waħda wara l-oħra bħal nofs qaqoċċa, wiċċhom għal mal-ħajt u b'għajnejhom 'l fuq donnhom qegħdin jaraw u jiflu xi ħaġa. Ma' dawn in-nisa beda jingħaqad xi raġel ukoll; għalhekk lili wkoll messitni l-kurżità u rsaqt biex nara x'kienet il-biċċa.

Hemmhekk sewwa, fejn kienu miġburin dawk in-nisa, kien hemm ħanut. Sid il-ħanut, fuq xkafef ta' ħġieġ imlewwen ta' tieqa baxxa qrib il-bieb tal ħanut, kien qiegħed xi ħwejjeġ tad-deheb, tal-fidda, tal-kristall u x'naf jien li jgħoddu biss għan-nisa, u, biex jiġbed għajnejn in-nisa li jkunu għaddejin minn dik in-naħa u jħajjarhom jieqfu u, forsi wkoll, jixtru minn dawk il-ħwejjeġ, fuq ras it-tieqa qiegħed inkwadru mdaqqas, b'rasu maqlugħa xi ftit minn mal-ħajt u miksi u mżejjen mad-dawra kollha bil-ward, weraq u friegħi tarjin, imxebelkin u marbutin mal-gwarniċ b'żigarelli mlewna u, f'nofs l-inkwadru, xi kliem, b'ittri ħoxnin u ċari li jiena sa nġib hawn bil-Malti biex kull min jaqbad f'idejh dan il-ktejjeb ikun jaf x'kien hemm miktub. Il-kliem kien dan :

### IL-MARA

META JKOLLHA 20 SENA TKUN TIXBAH LILL-AFFRIKA LI L-BNIE-
DEM BIL-KEMM GHARAF NOFSHA.

META JKOLLHA 30 SENA TKUN TIXBAH LILL-INDJA, ART SHUNA,
GHAMMIELA, MIMLIJA HABI.

META JKOLLHA 40 SENA TKUN TIXBAH LILL-AMERIKA LI FIHA
MINN KOLLOX U XEJN MA JONQOSHA.

META JKOLLHA 50 SENA TKUN TIXBAH LILL-EWROPA LI TINSAB
F'XIFER IL-QERDA TAGHHA.

META JKOLLHA 60 SENA TIXBAH LIS-SIBERJA LI KULHADD JAF
FEJN HIJA U HADD MA JRID IMUR JOGHQOD FIHA.



Din hi l-kitba kollha li kien hemm f'dak l-inkwadru. Kitba qasira, imma fiha ħafna x'tomgħod l-iktar għan-nisa. Ara kemm hu hekk, meta jiena qrajt bil-ġirja dak il-kliem, minnufih tlaqt minn hemmhekk u mort in-naħa l-oħra tat-triq inħares bir-reqqa fejn dawk in-nisa biex nara x'kien qiegħed jiġri fihom meta jaqraw dawn il-versi. Intbaħt li kull mara li kienet tieqaf u taqra dak l-inkwadru, għall-ewwel kienet titbissem, imma, minnufih wara, tibda tbiddel lewn wiċċha u tidħol ġo koxritha, tgħawweġ xofftejha u ttawwal geddumha u, bla ma tlissen kelma, titlaq.

Bqajt inħares u nitħasseb u ma rajt ebda mara dieħla f'dak il-ħanut biex tixtri xi ħaġa. "Għala dan kollu?", għidt bejni u bejn ruħi. Għala tal-ħanut minflok li ġibed lin-nisa għal ġol-ħanut biex jaqla' xi ħaġa, sfalu agħar u baqa' waħdu? Għala? Għaliex sewwa jgħidu li VERITAS OFFENDIT.

# FILOSFU

*Ta'* Patri D. Mintoff O.F.M.

L-EWWEL darba f'ħajti li ħassejtni filosfu. Iva sirt filosfu. U din id-darba bi ħsiebni nitfa' taħt saqajja t-tagħlim u l-irqaqat tal-filosfi kbar u żgħar. Min hu Sokrate? Bniedem li temm ħajtu wara li xorob ftit meraq tal-ħaxixa. Min hu Platone? Poeta moħħu fis-sħab u saqajh fuq l-art. Kartesju? Qal dak li ħaseb u tgħallem.

Barra minn hawn! Barra kollha kemm huma l-filosfi. Il-filosofija tinsab għandi. Fl-aħħar jien filosfu. Jien biss. Mhux għax ktibt xi mijiet ta' kotba kif titkellem jew taħseb jew tfittex il-kif u l-għaliex, lanqas għax sibt il-bidu ta' kif jimxi d-dawl u l-ħsejjes u lanqas għax qsamt u rġajt qsamt l-iżgħar ħlieqa, Xejn minn dan. Bdanakollu jien sirt filosfu mill-qurriegħa ta' rasi sal-qorq ta' riġlejja.

Jien biss filosfu. Sirt issa wara ħamsin sena jew aħjar wara eluf ta' jiem mindu twelidt. Sirt issa f'daqqa waħda. Ġieni ħin tajjeb. Stajt nara sewwa u nidħol 'il ġewwa fid-dinja ta' ħajti. Kien ħin li bidilni bħallikieku missitni xi qasba ta' xi saħħar. Mhux miraklu le. Kont hemm fil-ġenb ta' l-altar. Kien nhar l-Erbgħa, sitta ta' Marzu, fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu... nhar l-Erbgħa tar-Rmied. Dak in-nhar ħdejn l-artal konna jien, wiehed xiħ u daqsxejn ta' tifel. Il-qassis kellu f'idejh plattin bl-irmied.